A.L. 76 tal-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Economics taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Economics taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Economics;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Economics;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Economics; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2008 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad ta' Bachelor bl-Unuri miksub ta' l-anqas fit-Tieni Klassi fl-Ekonomija jew f'oqsma ta' studju relatati li l-Bord iqis li huma adattati; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub ta' l-anqas f'Kategorija II fl-Ekonomija jew f'oqsma ta' studju relatati li l-Bord iqis li huma adattati; jew

(ċ) grad ta' Bachelor bl-Unuri kklassifikat mill-anqas fit-Tielet Klassi fl-Ekonomija, sakemm ikunu kisbu kwalifiki oħra, inkluża esperjenza rilevanti, wara l-grad ta' l-ewwel ċiklu tagħhom.

(2) Id-dħul ta' l-applikanti skond is-sottoparagrafu (b) ta' l-ordinament 3(1) għandu jkun suġġett għar-riżultat ta' intervista u f'dawn il-każijiet huma għandhom ikunu meħtieġa jtemmu programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 4.

Il-Programm Preparatorju

4. (1) Il-programm preparatorju għandu jkun magħmul minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 45 kredtu u jkun suġġett ukoll għar-Regolamenti Prinċipali.

(2) L-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jtemmu b'suċċess il-programm preparatorju ta' studju b'marka medja ta' 55% jew aħjar qabel jirreġistraw għall-Kors.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

6. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 kredtu, li minnhom 60 kredtu assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 kredtu assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

7. L-istudenti li jiksbu s-60 kredtu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

8. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

It-Tagħlim fuq il-Kampus u t-Tagħlim mill-Bogħod

9. (1) Il-Kors jingħata b'żewġ modi, permezz ta' "Tagħlim fuq il-Kampus" u "Tagħlim mill-Bogħod".

(2) It-"Tagħlim fuq il-Kampus" isir permezz ta' konferenzi, seminarji u sessjonijiet tutorjali u ta' superviżjoni.

(3) It-"Tagħlim mill-Bogħod" isir permezz ta' tagħlim u superviżjoni b'komunikazzjoni elettronika u b'mezzi oħra ta' komunikazzjoni. Il-komponent mgħallem ikun mibdul ma' komponent ma' tutur, bl-istess għadd ta' kredti.

(4) Tutur ikun assenjat għal kull student li jsegwi l-Kors permezz tat-"Tagħlim mill-Bogħod" u l-istudent ikkonċernat huwa mistenni li jżomm kuntatt regolari mat-Tutur tiegħu/tagħha. Ir-rwol tat-Tutur ikun li jgħin lil-letturi tat-taqsimiet studju individwali fl-għoti tat-tagħlim, jiggwida lill-istudent taħt il-kariga tiegħu/tagħha u jsegwi l-progress ta' l-istudent.

(5) L-istudenti li jsegwu l-Kors permezz tat-"Tagħlim mill-Bogħod" jistgħu jingħataw il-possibilità li joqogħdu għall-eżamijiet f'istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta, barra mit-territorju Malti, jekk isiru arranġamenti adegwati ma' l-Uffiċċju tar-Reġistratur.

(6) L-istudenti li bi ħsiebhom isegwu l-Kors permezz tat-"Tagħlim mill-Bogħod" għandhom jindikaw dan fuq il-formula ta' l-applikazzjoni.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

10. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sa l-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 25 kredtu għal taqsimiet studju mgħallma, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 16-il kredtu jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni ta' l-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kredti permess skond il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kredti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

11. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 25,000 kelma skond il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-bidu tat-tieni semestru.

12. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* u kemm jekk *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skond il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skond (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

13. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

14. Il-provvedimenti ta' l-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

It-Tħassir

15. Ir-Regolamenti ta' l-2000 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Economics, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 174 ta' l-2000, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2008, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2008 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.